# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 1.10

**Kap 1: Jien u l-Oħrajn**

**Lezzjoni 1.10 – Kulħadd kien l-istess.**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

- Jitgħallmu kif kienu jgħixu l-Ewwel Insara.
- Jidentifikaw kif jistgħu huma fil-klassi jgħixu bħall-Ewwel Insara.
- Jitgħallmu u jiddiskutu x'jista' jġib l-għaqda bejniethom u bejn il-bnedmin.

Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:

- Video clip : *The Holy Spirit Comes*; https://www.youtube.com/watch?v=IqG_lvZhU-A&spfreload=10
- Powerpoint : Kienu jaqsmu kollox;
- Kant: *Jesus Put this song into our hearts*; https://www.youtube.com/watch?v=rgKaXcpm4F8&spfreload=10



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu .

1. Fakkar fl-istamp li kienu pinġew ta' San Pawl.
2. Spjega kif l-evanġelista San Luqa, dak li jirrakkonta l-ġrajja ta' meta San Pawl ġie Malta, jurina kif kienu jgħixu l-Ewwel Insara.
3. Uri l-video clip: *The Holy Spirit Comes.*



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Spjega kif il-komunità tal-Ewwel Insara bdiet bil-ġrajja tal-Pentekoste.
- Staqsi liema parti għoġbithom l-aktar u għalfejn.
- Spjega dan il-klipp ħalli tkun ċerta li kulħadd fehem.
- Stieden lit-tfal jaraw il-powerpoint.
- Fakkar kif dawn in-nies kienu jaqsmu kollox flimkien u għaliex.
- Spiċċa billi tintroduċi u ddoqq is-song: *Jesus put this song into our hearts.*



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. L-Ewwel Insara kienu jżommu lil Ġesù bħala ċ-ċentru ta' ħajjithom.
2. Aktar ma kienu jitkellmu fuqu aktar l-ispirtu ta' familja kien jikber fosthom.
3. Ġesu' għallimhom jinfetħu għad-dinja ta' barra u jmorru jxandruh ħaj mad-dinja kollha.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal, fl-ambjenti tagħhom, jaħdmu għall-għaqda.
- Huma juru wkoll li biex ikun hemm l-għaqda, huma jkunu lesti biex jaqsmu li jkollhom ma' ħaddieħor.
- It-tfal juru li jieħdu pjaċir jgħixu flimkien u jaħdmu flimkien.
- It-tfal juru li huma miftuħin għal xulxin u jgħinu lil xulxin biex kulħadd ikun jista' jħossu li jagħmel parti minn grupp.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Video clip : *The Holy Spirit Comes*; https://www.youtube.com/watch?v=IqG_lvZhU-A&spfreload=10



- Powerpoint : Kienu jaqsmu kollox;
- Kant: *Jesus Put this song into our hearts*; https://www.youtube.com/watch?v=rgKaXcpm4F8&spfreload=10

## Nitolbu

Ġesù, kun int li tgħaqqadna flimkiem biex il-klassi tagħna tkun maqgħuda kif kienu magħqudin l-Ewwel Insara.

